**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEGISLATURA

## Laqgha Numru 54

**21 ta' April 2023**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz *Highrise Apartments* Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**
**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti – Kunsillier**
**Eugenio Muscat - Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**

**UFFICCJAL PREZENTI:**
**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

## 54.1 Qari ta' Ittri ta' Apologiji;

54.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija tal-Vici Sindku Oriana Calleja li ma settetx tattendi ghal-laqgha minhabba raguni ta' xoghol.

## 54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

54.2.1 Il-Minuti gew imresqa mis-Sindku ghall-approvazzjoni.

Ma kienx hemm korrezzjoni.

## 54.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

54.3.1 Is-Sindku Max Zammit ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti.

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekondat.

Ghalkemm il-Kunsill approva l-pagamenti kollha, l-Kunsill talab lis-Segreatrju Ezekuttiv biex taghmel talba lir-Regjun Lvant ghal invoices li qed ihalsu huma dirett lill-kuntrattur tal-lokalita' ta' Ta' Xbiex, biex b'hekk il-kunsill ikollu l-ispiza ta' kull collection li qed issir u jkun jista jikkompera din l-ispiza ma ta' snin ta' qabel ukoll.

Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha izda infurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv.

## 54.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

54.4.1 Is-Sindku Max Zammit fakkar li s-sena l-ohra wara il-maratona bl-isem "Colour my run", il-Kunsill kien iddecieda li ma tergax taccetta li ssir din il-maratona minhabba li ma kinx sar tindif sewwa u l-kulur spicca ukoll mal-hitan tal-propjeta' privata tar-residenti ta' Ta' Xbiex.

Huwa qal ukoll li regghu ikkuntatjawh u infurmawh li jixtiequ li jergu jaghmlu din il-maratona. Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li fl-edizzjoni precedenti kellna xi problemi minhabba l-kulur u qallu li din is-sena se juzaw foam li jisparixxi mal-ewwel kif ukoll se jkollhom lil xi entita' privata li jnadfu wara din l-attivita'.

Is-Sindku qal li peress li din il-maratona ssir ghall-karita' ghandna nergghu nikkunsidraw li nergghu naghtuhom il-permess biex issir din l-attivita' gewwa Ta' Xbiex.

Il-Kunsill qabel unanimament la weghduna li se jnadfu mill-ewwel.

54.4.2 Is-Sindku Max Zammit qal li kien qed jitkellem informalment mal-Kunsillera Ronnie Portelli u Eugenio Muscat rigward il-permessi tal-makkinarju li jsiru fi Triq ix-Xatt.

Huwa qal li bhalissa meta kuntrattur jew resident jigi jaghmel permess fi Triq ix-Xatt il-
Kunsill jinfurmahom li jkun hemm bzonn li jibbukjaw ufficjal tal-Lesa biex ikun jista jidderiegi t-traffiku minhabba li m'hemmx parking bays.

Is-Sindku spjega li fl-opinjoni tieghu din hija ingusta minhabba li fl-istess triq imma taqa' taht lokalita' differenti m' hemmx ghalfejn tibbukja ufficjal tal-Lesa.

Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li quddiem il-Blue Harbour fejn hemm
bankina wiesgha hekk ikun makkinarju zghir jista jipparkja fuq il-bankina minhabba li
hija wiesgha. Il-Kunsill qabel ukoll li min The Quay sa Forth Mansions ghandna nohorgu permess minghajt il-bzonn ta' ufficjal tal-Lesa.

54.4.3 Is-Sindku qal li hemm bzonn naghmlu ezercizzju biex inkunu nafu fejn hemm konki vojta halli nkunu nistghu nhawlu xi sigar.

Il-Kunsill qabel unanimament.

54.4.4 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv gibdiltu l-attenzjoni li l-Council Assistant talaba li
jibda jitlaq fl-4pm minflok fl-4.30pm minhabba li mhux qed jlehhaq. Huwa ssuggerriexxa li filkas ghandu jkun hemm rotation tal-istaff halli l-Kunsill xorta jibqa miftuh. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li din m'hiex possibli ghax apparti li l-Council Assistant huwa responsabli ghall-customer care, l-Assistant Principal ma tafx tuza s-sistema tal-permessi online u mhux xoghla ghaldaqstant jaf xorta ma jinqediex.

Is-Sindku ssuggerriexa li filkas nwehlu nota ghalissa li sakemm nibdew bin-nofs ta' nhari l-Kunsill jibda jinghalaq fl-4pm izda filkas naraw li, lil min se nimpjegaw flok l-iskrivan li kien irrezenja jibda joqghod sal-4.30pm.

Il-Kunsill qabel li nergu nkelmu lil Matthew u fil-laqgha li jmiss niddiskutu l-vakanza tal-iskrivan.

## 54.5 European ORC Championship – Royal Malta Yacht Club;

54.5.1 Is-Sindku qal li fuq it-talba tal-RMYC ghal sponsor issuggerrixxa li minflok jinhargu flus mill-Kunsill nghinuhom in kind billi ma nzommux flus ghal permessi neccessarji ghal din l-attivita'.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 54.6 IT Maintenance Agreement for residents;

54.6.1 Is-Sindku qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li l-agreement skada u s-supplier saqsa hekk ghandniex il-pjacir li ngedduh. Is-Sindku qal li huwa kien qalu li d-data ta' min uza dan is-servizz li l-Kunsill xtaq li jircievi ma jistax jipprovdieha minhabba GDPR. Ghal din is-sena qallu li qed jippreparaw dokument fejn ir-resident jiffirma li d-data tieghu jista' jaghddieha lill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel li naraw li qabel ma ngeddu l-kuntratt ittina sample ta' dan id-dokument li se jiprovdi lir-residenti u wara ngeddu ghal sena ohra u nkunu certi li jiprovdielna l-istatistika.

## 54.7 Progetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali fi hdan il-Kunsill Regjonali Lvant ghas-sena 2023;

54.7.1 Peress li laqgha hadet fit-tul din ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.

## 53.8 Tender – Upkeep and Maintenance services of parks, gardens and Soft areas in an environmentally friendly manner;

53.8.1 Ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss peress li l-laqgha hadet fit-tul.

## 54.9 SPI/SCI/01/2023 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024;

54.9.1 Il-Kunsill qabel unanimament li bhal kull sena ghandna nergu napplikaw ghall-attivita' Connecting Through Culture. Il-Kunsill iddecieda li Jum Ta' Xbiex ghandha ssir il-Gimgha 23 ta' Gunju u Connecting Thorugh Culture s-Sibt 24 ta' Gunju, 2023.

## 54.10 SPI/SCI/02/2023 - Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil- Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex;

54.10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li din l-iskema minflok se jibghatulna fondi se jipprovdulna haddiema biex jirrangaw il-librerija u l-kunsill jipprovdi l-materjal. Wara diskussjoni l-Kunsill talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex tiehu parir tal-perit minhabba li ghad hemm il-problema tal-ilma li gej minn Helena flats u l-hajt mxarrab.

Il-Kunsill qabel unanimament li hekk il-perit jaqbel li nirrangawa u m'ghandniex ghalfejn nistennew li jinxef il-hajt, is-Segretarju Ezekuttiv ghandha tapplika ghal din l-iskema.

## 54.11 SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023;

54.11.1 Ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss peress li l-laqgha hadet fit-tul.

## 54.12 SPI/SCI/04/2023 - Skema Finanzjarja – Komunitajiet aktar siguri u organizzati;

54.12.1 Ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss peress li l-laqgha hadet fit-tul.

## 54.13 SPI/SCI/05/2023 - Fond ta Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali;

54.13.1 Ser tigi diskussa fil-laqgha li jmiss peress li laqgha hadet fit-tul.

## 54.14 Public Toilets;

54.14.1 Is-Sindku Max Zammit infurma lill-Kunsill li l-public toilets huma lesti u rridu naraw #
kif se nibdew niehdu hsieba. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tieghu hemm tlett alternattivi li
huma:
- innaqsu s-sieghat billi nahdmu kemm bil-kuntrattur kif ukoll bil-haddiema tal-kunsill.
- ingibu lil xi hadd biex jnaddafhom biss imma ma jkolniex lil xi hadd il-hin kollu biss
- inkelmu lil Amigos biex forsi jghinuna niehdu hsieba

Il-Kunsill qabel mal-options li qal is-Sindku u ddecieda li ghandna nkelmu lin-nies imsemmija u nergu nitkelmu. Punt iehor li nqala waqt id-diskusjoni hija li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha ssaqsi lid-dipartiment xi skala trid tinhareg hekk il-kunsill jiddeciedi li johrog vakanza ta' cleaner.

## 54.15 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-kunsilliera;

54.15.1 Il-Kunsillier Ronnie Portelli saqsa meta se jitwahlu r-ritratti tal-legislatura' sebgha u tmienja.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmathom li se tkun qed tigri wara l-istaff u tara fic-cert li dawn ir-ritratti jigu zviluppati u jitwahlu mal-hajt fejn hemm l-ohrajn.

54.15.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li l-Kunsill jhallas l-insurance fuq sahha lill-haddiema izda peress li ma thallasx in full ma nistghux nikklemjaw kollox hekk individwu jkollu bzonn operazzjoni. Ghaldaqstant qed jissuggerriexi li l-Kunsill jhallas id-differenza inkunu covered fuq kollox.

Il-Kunsill qabel unanimament li din tigi mhalsa ghall-kunsilliera kif ukoll l-istaff tal-Kunsill.

## 54.16 Items ohra ta' xoghol iehor tal-Kunsill Lokali li jkunu mehtiega;

54.16. 1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat irraporta li l-kuntrattur li jiehu hsieb il-gonna hemm bzonn li jiehu iktar interess billi jzied iktar fjuri kif ukoll li jara li jnehhi il-haxix hazin li hemm minhabba li kiber hafna. Apparti hekk jider li mhux qed issir tisqija.

Is-Sindku Max Zammit u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti ukoll qablu li kien hemm xi nuqqasijiet.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmathom li biex jhawwel il-fjuri irridu naqblu fuq kemm ammont nixtiequ nonfuq flus fuq il-fjuri u tkun tista tinfurmah fejn nixtiequh nhawlu fjuri u l-kuntrattur jghidli xi fjuri l-ahjar nhawl u l-ammont ta' fjuri li se jhawwel bil-budget li jkun tah il-kunsill.

54.16.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li qed jircievi rapporti li qed jidholhom xi ilma fil-garaxxijiet li hemm taht il-biertha tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel unanimament li dan ix-xoghol jsir fl-immedjat.

## 54.17 Rapporti mill-Kunsilliera;

54.17.1 Ser jigu diskussi fil-laqgha li jmiss

## 54.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss;

Il-laqgha li jmiss ha ssir it-Tlieta 30 ta' Mejju fil- hamsa u nofs ta' filghaxija.

Il-laqgha intemmet fit-8.30 ta' filghaxija.

Konfermati llum it-Tlieta 30 ta' Mejju, 2023.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA______** | **IFFIRMATA____** |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |